MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 1812/2000/1

**Simonds Farsons Cisk Plc.**

**-vs-**

**Frank Fenech u VAB Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-5 ta' Settembru, 2000 li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi b'skrittura li ggib id-data tat-22 ta' April, 1992, id-ditta attrici ghaddiet lill-konvenuti s-somma ta' Lm7,500, fil-waqt li l-konvenuti, li kienu jigextixxu l-istabillimenti maghrufa bl-isem ta' Jumbo Pizzeria, Qui Si Sana, obbligaw ruhhom "not to sell, exhibit or put up for sale any beers, soft drinks, mixers, fruit juices and table waters except those beers, soft drinks, mixers, fruit juices and table waters produced or marketed by the Company",

cioe', ta' dik l-atrici, u dana ghall-periodu ta' hames snin sakemm il-konvenuti jiskontaw is-somma moghtija lilhom b'discounts fuq prodotti mixtrija minghand id-ditta attrici;

Illi l-konvenuti kisru dan il-ftehim u, ghalhekk, il-konvenuti ghandhom jitqiesu li ddekadew mil-beneficcju tat-terminu moghti lilhom u ghandhom jigu kkundannati jhallsu kull bilanc dovut;

Illi mill-imsemmija somma ta' Lm7,500, il-konvenuti skontaw biss parti minnha, u ghandhom ihallsu l-bilanc Lm4,826;

Illi l-konvenuti interpellati biex ihallsu din is-somma, anke ufficcjalment, baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. m'ghandux jigi dikjarat li l-konvenuti agixxew bi ksur tal-ftehim fuq imsemmi u ghandhom, ghalhekk jirrifondu lid-ditta attrici s-somma imsemmija ta' Lm4,826, u konsegwentement

2. m'ghandhomx l-istess konvenuti jigu kkundannati jhallsu lid-ditta attrici s-somma imsemmija ta' Lm4,826 (erba t'elef, tmin mija u sitta u ghoxrin liri maltin) dovuti lilha kif fuq spjegat.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficcjali tas-26 ta' Marzu, 1998, u bl-imghaxijiet legali tat-8% mid-data tal-imsemmija Ittra Ufficcjali, kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Dr. Andre' Camilleri, I.D. 612252(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Frank Fenechipprezentat fid-9 ta' Frar, 2004 li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi l-konvenut Frank Fenech mhuwiex il-legittimu kontradittur stante li huwa qatt ma kien personalment involut fil-ftehim datat 22 ta’ April 1992 imma kien biss rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta VAB Limited. Dan johrog car mill-fatt li l-ftehim kien maghmul bejn is-socjeta attrici u s-sid tal-Jumbo Pizzerija li hija biss is-socjeta’ konvenuta VAB Limited. Fl-1992 kumpanija ma setghetx tiffirma ftehim bhal dak odjern imma kien hemm bzonn il-firma ta’ rapprezentant tal-kumpanija nnifsha.

2. Salv eccezzjonijiet ohra permessi bil-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in nota ta’ ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta u dik ta’ riduzzjoni tat-talba a fol 26 tal-process.

Rat l-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Dicembru, 2004 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi l-unika vertenza f’din il-kawza hija jekk il-konvenut huwiex ukoll personalment responsabbli ghall-kreditu tas-socjeta’ attrici li jirrizulta ampjament mill-provi. Ix-xhud Adrian Tonna xehed fis-seduta fuq imsemmija u qal li huma kienu jafu lill-konvenut bhala persuna ghalkemm il-kontijiet kienu jinhargu fuq *Jumbo Pizzeria Mr Frank Fenech.*

Il-punt principali hu l-ftehim li a bazi tieghu qed issir il-kawza. Dan il-ftehim (esebit bhala Dok A) jindika li l-konvenut deher

bhala *Mr Frank Fenech, VAB Limited owners of Jumbo Pizzeria.* Fl-ahhar pero' iffirma bhala Mr Frank Fenech.

Dan jindika li l-atturi kienu jafu li l-konvenut kien qed jopera f'isem il-kumpanija izda fl-istess hin ma hux indikat li deher fil-ftehim ghan nom tal-istess kumpanija. Madankollu l-Qorti tifhem li ladarba fil-ftehim is-socjeta' giet indikata fil-premessi, wiehed jifhem li s-socjeta' attrici kienet taf li l-konvenut kien qed jagixxi ghan nom tal-kumpanija u mhux f' ismu. Dan ghalkemm wiehed jifhem li l-azzjoni giet diretta anke kontra tieghu personalment a skans ta' ekwivoci.

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut Frank Fenech u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju u fl-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tikkundanna lis-socjeta' konvenuta biex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, seba' mija u sitta u sittin Liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm3,766.29) bl-imghaxijiet kif mitluba. L-ispejjes huma a kariku tas-socjeta' konvenuta, izda l-konvenut Frank Fenech personalment ghandu jhallas l-ispejjes tieghu.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------